Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,108, 15 ta' Ġunju, 2001
Taqsima B

A.L. 148 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għad-Diploma in Health Science (Dental Technology)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Applikabilità'

1. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-għażla tat-Teknoloġija Dentali fil-kors li jwassal għad-Diploma in Health Science fl-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa li jibda f'Ottubru 2001.

L-Għażla ta' l-Applikanti

2. In-numru ta' l-istudenti li jistgħu jidħlu għall-għażla tat-Teknoloġija Dentali għandu jkun limitat skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti.

3. In-numru ta' studenti għandu jkun limitat għal għaxar studenti, iżda jekk in-numru ta' l-applikanti li jaqgħu fl-aħħar grupp ta' applikanti eliġibbli għad-dħul bl-istess għadd ta' punti huwa tali li n-numru totali ta' applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għaxra, mela l-applikanti f'dak il-grupp għandhom ikunu intervistati minn Bord tad-Dħul *ad hoc* maħtur mis-Senat biex jimtela l-post jew jimtlew il-postijiet li jibqa'. Il-Bord tad-Dħul *ad hoc* jista' jqis kwalifiki oħra barra minn dawk indikati fil-paragrafu (4) tar-regolament 6.

4. Biex jidħlu fil-kors l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala studenti regolari jew bħala studenti bi prova ta' l-

Universita' kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul u r-rekwiżiti l-oħra kollha għad-dħul fil-kors kif speċifikat fir-regolamenti għall-kors.

5. Jekk ikun hemm aktar minn għaxar applikanti eliġibbli, l-aħjar għaxar applikanti għandhom jintgħażlu mill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita', wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul ta' l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa, skond il-kriterji għall-għażla kif speċifikati fil-paragrafu (4) tar-regolament 6.

Il-Kriterji għall-Għażla

6. (1) L-applikanti għall-għażla tat-Teknoloġija Dentali huma mitluba jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kif imniżżla fir-regolamenti għall-kors.

(2) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fl-istess suġġett, għandu jitqies biss l-aħjar grad. Is-suġġetti jistgħu jiġu offruti f'livell wieħed biss.

(3) Għall-għan ta' l-għażla, jitqiesu biss il-kwalifiki li jinkisbu sal-31 ta' Awissu 2001.

(4) Il-għaxar applikanti għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skond il-punti mogħtija għall-kwalifiki tagħhom. Għal dan il-għan, jitqiesu biss ċertifikati fi kwalunkwe livell fl-Ilsien Ingliż, fil-Malti, fil-Matematika, f'suġġett tax-Xjenza u l-aħjar riżultat fi kwalunkwe żewġ suġġetti oħra. Il-punti għandhom jingħataw kif ġej:

Punti	Grad fil-Livell Avanzat	Grad fil-Livell Intermedju	Grad fil-Livell SEC	Grad fil-Livell GCE Ordinarju	Grad mill-Iskola Prevokazzjonali
30	A				
24	B				
18	Ċ				
12	D				
10		A			
8		B	1		
6	E	Ċ	2	A	A
5			3		
4			4	B	B
3			5	Ċ	Ċ